V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10441 — Bridgepoint/FFL/ACT)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 370/06)

1. Fis-6 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bridgepoint Group plc, ("Bridgepoint", ir-Renju Unit),

— FFL B.V. ("FFL", in-Netherlands),

— Sustainable Market Solutions B.V u ACT Financial Solutions Group, (flimkien "ACT", in-Netherlands).

Dan l-avviż jikkonċerna l-akkwist propost ta' kontroll bi sħab, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, ta' ACT minn Bridgepoint u FFL li hija kkontrollata mill-fundaturi ta' ACT u l-azzjonisti maġġoritarji attwali.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Bridgepoint: Investimenti tal-portafoll,

— FFL: kumpaniji holding,

— ACT: tipprovdi soluzzjonijiet tal-enerġija sostenibbli bbażati fuq is-suq, relatati ma' servizzi ta' konformità ambjentali, sostenibbiltà korporattiva, fuels u materja prima, u strumenti finanzjarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10441 — Bridgepoint/FFL/ACT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË